**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 162/22/F

**Maria Dolores Azzopardi**

*vs*

**Fair Deal Furniture (Malta) Ltd**

Illum, 2 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-1 ta' Novembru 2022;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba, l-azjenda intimata ma ppreżentatx risposta;

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023, it-Talba tħalliet għas-sentenza;

Ra r-Rikors tal-azjenda intimata tas-27 ta' Marzu 2023 fejn talbet li l-prolazzjoni tas-sentenza tiġi sospiża u li tiġi konċessa seduta għall-provi tal-azjenda intimata;

Ra d-Digriet tal-15 ta' Mejju fejn it-talba ġiet milqugħa u ġiet appuntata seduta waħda bl-iskop li jinstemgħu il-provi kollha tal-azjenda intimata;

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent qed titlob li tiġi rimborżata s-somma ta' elf, tlett mija u erba u għoxrin Euro (€1,324) rappreżentanti l-valur ta' *2 seater sofa with 2 electric recliners in fabric upholstery* mingħand l-Azjenda intimata.

Illi in suċċint, ir-Rikorrenti tilmenta li s-sufan mibjugħ lilha mill-azjenda mhux konformi ma dak imwiegħed u miftiehem minħabba li minflok bil-*foam*, huwa mimli bir-rix, liema rix beda mill-ewwel jippenetra mit-tapezzerija u jdejjaq lil min ikun bil-qiegħda fuq is-sufan tant li spiċċat ma tistax tuża dan is-sufan. Dawn il-fatti ukoll ġew ukoll ikonfermati minn Stephen Azzopardi, iben ir-Rikorrenti fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal. Kemm ir-Rikorrenti kif ukoll binha xehdu fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023.

Illi *seduta stante* t-Tribunal kellu l-opportunità li jara u jeżamina kampjum mir-rix li beda joħroġ mit-tapezzerija tas-sufan.

Illi fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2023, Arnold Vella, rappreżentant tal-azjenda intimata, ikkonferma li meta daħal l-ilment minn naħa tar-Rikorrenti huwa kien sorpriż ukoll minħabba li qatt ma kellu każ simili fejn sufan kien mimli bir-rix. Fil-fatt, jgħid illi għamel il-verifiki mal-manifattur tas-sufan fiċ-Ċina u kien wasal fi qbil li l-*cushions* jiġu sostitwiti għall-sett mimli bil-*foam*. Ir-*replacement cushions* waslu f'Diċembru 2022 iżda kif huwa jgħid, irrifjuta li jgħaddihom lir-Rikorrenti qabel ma din tagħmel apoloġija dwar *post* kontra l-azjenda intimata li hija kienet tellgħet fuq Facebook u minn hemm ma kienx hemm aktar komunikazzjoni. Iddikjara li huwa dispost li jgħaddi l-*cushions* lir-Rikorrenti.

Illi għalhekk, in sustanza, il-fatt relevanti ma humhiex kontroversi. Jifdal tiġi trattat ir-rimedju.

Illi t-Tribunal jinnota li bil-mod kif inhi magħmula t-Talba tar-Rikorrenti, hija qed titlob li tiġi rifuża l-prezz tas-sufan, talba li minnha nnifisha tippreċipita dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-kuntratt tal-bejgħ. Verament, din l-għażla hija konċessa lill-Konsumatur mill-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, senjatament id-dikjarazzjoni minn

naħa tal-azjenda intimata li hija għandha f'idejha ir-*replacement cushions* għar-Rikorrenti, it-Tribunal huwa tal-fehma li japplika l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta għax ir-rimedju redibitorju, meta mqabbel ma dak tas-sostitutzzjoni tal-*cushions*, jimponi spejjeż sproporzjonati fuq il-bejjiegħ meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha.

Illi dan stabbilit, it-Tribunal sejjer ukoll jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex ai temini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' ħamsin Euro (€50) *in linea* ta' danni morali tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilha bid-dewmien eżaġerat sabiex tissolva din il-vertenza fuq oġġett tant sempliċi.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li s-sufan in kwistjoni huwa afflitt minn nuqqas ta' konformità:**

**1.Jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien ġimgħa minn notifika lilha ta' din is-sentenza, tipprovdi lir-Rikorrenti bir-*replacement cushions* għas-sufan, dan a spejjeż esklussivi tal-azjenda intimata;**

**2.Jikkundanna lill-istess azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' ħamsin Euro (€50) *in linea* ta' danni morali tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilha, u dan ai temini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**L-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***